MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 412/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Rachel Abela**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ elf, seba’ mija, tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€1728.44) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skond client contract number 1010934, 1010935, 610951 in rigward ghal servizzi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru, 2006 u Marzu, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat

kontestwalment ma` dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-PL Peter Sammut fit-30 ta` Settembru, 2007 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------